**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors Nru : 93/16 AL

**Ab**

**VS**

**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1) Illi hija zzewget lill-intimat Ivan Cachia, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 159775 M, fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Vivaldi Hotel, San Giljan, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tnejn, tmienja zbarra elfejn u hamsa (28/2005), u dan kif jirrizulta minn vera kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';
2) Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali

permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Liza Camilleri fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), kopja fotostatika qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B';

3) Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;
4) Illi l-istess partijiet kellhom zewgt ibniet bl-isem ta' u l-istess ulied qeghdin jircievu manteniment adegwat fil-konfront taghhom u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward;
5) Illi r-rikorrenti iddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikociljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkludiet li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;
6) Illi illum il-gurnata ghaddew aktar minn sitt (6) snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Kuntratt ta' Separazzjoni tal-kontendenti partijiet;
7) Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi; u
b) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara illi ma ghandux oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Gunju 2009;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.